MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Rikors Numru. 862/2005

Kawza fil-lista: 18

**Korporazzjoni Telemalta**
**Vs**
**Pauline Cefai**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti ppremettiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit. Nru. 1654/96NA) giet deciza minn din l-Onorabbli Qorti fit-8 ta' Novembru, 1996, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas il-Maltacom p.l.c. s-somma ta' Lm551.76 (hames mija, wiehed u hamsin liri Maltin u sitta u sebghin centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 373059.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikat, oltre Lm148.81 (mija, tmienja u erbghin liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A", kif ukoll Lm360.48 (tlett mija u sittin liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sat-8 ta' Jannar 2005, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm1,061.05 (elf, wiehed u sittin liri Maltin u hames centezmi), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta' esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimata li naqset li tipprezenta nota risposta u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tal-Prokuratur Legali Noel Scerri;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta gustifikata.

Fil-kontumacja tal-intimata tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors;

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------